# Dal-Lejl Ħlomt Bik ...

## minn Andrè Mifsud

Dal-lejl ħlomt bik...
irqiqa u żnella,
b'xagħrek kannella,
mitluq u imberfel,
lixx, artab u fin;
u għajnejk imsaħħrin,
kannella bħal xagħrek,
mitluq għal fuq dahrek,
miżmum b'furfiċetta
biex jidher pulit.

Dal-lejl ħlomt bik...
b'dik it-tbissima,
ta' sebħ u ta' qima,
li ddawwal u ssebbaħ
dak wiċċek ħamrani,
jitbissem u jixgħel;
rifless ta' żgħożija,
ta' arti u sbuħija,
rifless t'enerġija,
ta' tama u ta' dija.

Dal-lejl ħlomt bik...
b'dawk idejk ċkejknin,
żgħar magħmulin,
sħan, fini u ġentili,
li mill-polz jaqbdu lili
u magħhom jeħduni
lejn dinja surreali;

Bla saram, bla għali,
bla ħsieb dwar illum,
ilbieraħ jew għada,
u dak li se jkun,
u ġranet infila,
qalb fjuri u kampanja,
qalb kanali u ammorini,
u l-kanarin ikanta,
u l-petali tal-amaranta
vjola bħal dejjem;
waħidna flimkien!

Dal-lejl ħlomt bik...
ippruvajt nerġa' norqod
imma bqajt naħseb fik.
Mort ħadt tazza ilma,
bis-serqa mill-kċina,
għax kont ħlejtu kollu
ta' fuq il-komodina.
Id-dlam kien jirrennja
u tisma' biss is-skiet
u ħarist barra t-tieqa
lejn id-dinja fil-kwiet.
U xħin ħarist mit-tieqa,
f'dawk is-sigħat bikrija,
irrealizzajt li probabbli,
int ma kontx qed toħlom bija.